**24 ta' Marzu, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Geoffrey Valenzia B.A., LL.D.**

Mario Vella Gatt *noe*

*versus*

Christopher Cassar

**Tribunal Industrijali - Ġurisdizzjoni tal-Qrati biex jissindikaw id-Deċiżjonijiet tat-Tribunal Industrijali**

*Il-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni ġenerali ta' dawn il-Qrati biex jissindikaw l-operat u d-deċiżjonijiet tat-Tribunal Industrijali mwaqqaf bl-artikolu 26 tal-Kap. 266 hija issa ilha li ġiet risolta affermattivament mill-ġurisprudenza.*

*Din il-ġurisdizzjoni però hija limitata għal meta t-Tribunal Industrijali:*

*a) Jew imur* ultra vires *il-poteri lilu mogħtija; b) u/jew meta ma jkunx assikura li l-ġustizzja ssir skond is-sustanza tal-każ, u li din tkun bħala ħsara għar-regoli tal-ġustizzja naturali; ċ) u/jew meta t-Tribunal jagħti xi sentenza jew deċiżjoni li tkun kontra xi liġi miktuba jew xi att ieħor li jkollu forza ta' liġi, li jirregola l-pagi u pattijiet u kundizzjonijiet oħra ta' impjieg.*

*L-inkonsistenza bejn il-fatti ppruvati u l-konklużjoni suppost derivata minn dawk il-fatti tista' tikkwalifika bħala żball ta' loġika, ta' argumentazzjoni fuq il-fatti, imma mhux fuq il-liġi, ċjoè mhux fuq is-sustanza ta' norma ġuridika.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur *nomine* ppremetta illi, wara l-Każ Numru 613 ippreżentat quddiem it-Tribunal Industrijali, ta s-sentenza tiegħu, Deċiżjoni Numru 491 tal-15 ta' April, 1993, fl-ismijiet **Christopher Cassar *vs* Bacchus Company Limited**, kif rappreżentata minn Mario Vella Gatt wara tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta, u kkundannat lill-attur li jħallas lill-konvenut is-somma ta' seba' mija u tmienja u erbgħin lira Maltija (Lm748.00);

Presmess illi din is-sentenza hija nulla u bla effett in kwantu, *inter alia*, applikat il-liġi ħażin, stante illi l-prinċipju fondamentali enunċjat mill-istess Tribunal Industrijali dwar l-obbligu ta' prova għall-fatti allegati ġie applikat żbaljatament b'mod ċar u manifest;

Premess illi inoltre l-istess sentenza hija ukoll nulla u bla effett stante illi parti importanti mir-*ratio decidendi* tagħha kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża u dan speċifikatament għall-produzzjoni tad-dokumenti relattivi għan-nuqqas ta' *charging* ta' l-*Expenditure Levy* u, separatament, tal-proċeduri dixxiplinari meħuda mill-attur *nomine*;

L-attur *nomine* talab lil dina l-Qorti:

Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-sentenza mogħtija mit-Tribunal Industrijali fil-15 ta' April, 1993, numru 491 ta' l-1993 fuq imsemmija hija nulla u bla effett għar-raġunijiet fuq imsemmija;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-attur *nomine* a fol. 3 tal-proċess;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut Christopher Cassar a fol. 16 fejn eċċepixxa:

*Omissis*;

Is-seentenza li minnha qiegħed jiġi ntentat li tiġi annullata hija korretta u kwindi timmerita konferma;

*Omissis*;

L-attur qed jitlob li dina l-Qorti tiddikjara u tiddeċidi illi s-sentenza mogħtija mit-Tribunal Industrijali fil-15 ta' April, 1993, numru 491 ta' l-1993 hija nulla u bla effett;

Il-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni ġenerali ta' dawn il-Qrati biex jissindikaw l-operat u d-deċiżjonijiet tat-Tribunal Industrijali mwaqqaf bl-artikolu 26 tal-Kap. 266 hija issa ilha li ġiet riżolta affermativvament mill-ġurisprudenza;

Din il-ġurisdizzjoni però hija limitata għal meta t-Tribunal Industrijali;

Jew imur *ultra vires* il-poteri lilu mogħtija;

U/jew għal meta ma jkunx assikura li l-ġustizzja ssir skond is-sustanza tal-każ; u li din tkun bħala ħsara għar-regoli tal-ġustizzja naturali (artikolu 31 (3), Kap. 266);

U/jew meta t-Tribunal jagħti xi sentenza jew deċiżjoni li

tkun kontra xi liġi miktuba, jew xi att ieħor li jkollu forza ta' liġi, li jirregola l-pagi u pattijiet u kundizzjonijiet oħra ta' impjieg (artikolu 32 (4), Kap. 266);

It-Tribunal Industrijali għandu, skond il-Kap. 266, ġurisdizzjoni esklussiva f'każijiet ta' allegazzjoni ta' tkeċċija inġusta bħal fil-każ preżenti u biex dik il-ġurisdizzjoni esklussiva tiġi ddisturbata jridu jikkonkorru xi wieħed mill-elementi gravi fuq imsemmija;

X'inhuma f'dana l-każ l-elementi gravi li suppost għandhom jannullaw id-deċiżjoni tat-Tribunali Industrijali? Fin-nota tiegħu l-attur isemmi bħala raġunijiet:

Li t-Tribunal Industrijali applika ħażin il-liġi; u

Kien hemm żball ċar u evidenti fir-*ratio decidendi* tat-Tribunal li wassal għall-kundanna inġusta ta' l-esponent;

L-attur jispjega:

Dwar l-ewwel raġuni t-Tribunal sostna li minn jallega jrid jipprova. L-attur qed jissottometti li ġaladarba l-appellant kien ammetta l-allegazzjoni magħmula mill-kumpannija, l-attur kien eżawrixxa l-oneru tiegħu li jipprova din l-allegazzjoni;

Inoltre t-Tribunal skarta l-prova dokumentata (ta' Kenneth Attard) miġjuba mill-attur u aċċetta l-ispjegazzjoni verbali li tah il-konvenut. It-Tribunal skarta ukoll il-prova li nġabet permezz ta' l-awditur. Inoltre t-Tribunal qal li l-kumpannija ma rnexxilhiex tipprova l-allegazzjoni li l-konvenut kien joffri *drinks* b'xejn lil ħbiebu;

Dwar il-fatt li l-konvenut ma kienx żamm il-*levy*, din l-akkuża hija ammessa mill-konvenut, għalhekk it-Tribunal ma jistax jgħid li l-allegazzjoni ma ġietx ippruvata;

Dwar id-diskrepanza fl-i*stocktaking*, l-attur kien ta lill-konvenut kull ċans biex jagħti spjegazzjoni għan-nuqqas allegati u l-kumpannija ma mxietx b'mod sigriet;

Il-kumpannija kienet ippruvat kull allegazzjoni minnha magħmula fil-konfront tal-konvenut u għalhekk irnexxielha tissodisfa l-prinċipju enunċjat mit-Tribunal illi kull min jallega irid jipprova;

It-Tribunal iżda applika dan il-prinċipju b'mod żbaljat u kuntrarju, meta skarta totalment kull prova miġjuba mill-kumpannija u aktar partikolarment l-ammissjonijiet ta' l-appellant u minflok strah fuq l-iskużi, ikkontestati u mhux ippruvati, ta' l-istess appellant. L-istess, it-Tribunal injora diversi xhieda ta' importanza determinanti għall-eżitu tal-każ (ara nota ta' osservazzjonijiet ta' l-attur quddiem it-Tribunal). Għalhekk bl-applikazzjoni erronja ta' dan il-prinċipju fondamentali, it-Tribunal wasal għal deċiżjoni mhux biss żbaljata iżda ukoll nulla u bla effett;

Id-deċiżjoni hija nulla u bla effett ukoll għax ivvizzjata bi żball evidenti fir-*ratio decidendi* tat-Tribunal, fejn qal li l-kumpannija ma ħadet ebda passi dixxiplinari kontra l-appellant. It-Tribunal injora d-dokumenti esebiti mill-kumpannija attriċi li kienu fl-atti tal-każ. Dan l-iżball kien determinanti għal deċiżjoni finali tat-Tribunal;

Kuntrarjament għal dak li qal it-Tribunal, ir-raġuni għat-tkeċċija tal-konvenut ma kinitx biss id-diskrepanza fl-i*stock*. It-Tribunal għalhekk ma vvalutax it-totalità tar-raġunijiet mogħtija

mill-attur li finalment wasslu għat-tkeċċiija tal-konvenut;

Fil-kawża **J. Holland** ***noe et vs*** **Julian Schembri**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Ċivili fl-20 ta' Mejju, 1991, dik il-Qorti, fejn kellha lanjanzi simili għal dawk ta' l-attur odjern, kienet sostniet li:

L-inkonsistenza bejn il-fatti ppruvati u l-konklużjoni suppost derivata minn dawk il-fatti jew aħjar, tista' tikkwalifika bħala żball ta' loġika, ta' argumentazzjoni fuq il-fatti, imma mhux fuq il-liġi, ċjoè mhux fuq is-sustanza ta' norma ġuridika;

L-istess jingħad għan-nuqqas ta' apprezzament tal-fatti li rriżultaw; anzi addirittura, atteġġjament li njora dawk il-fatti bħallikieku ma rriżultawx jew mhumiex rilevanti għall-konklużjoni tad-deċiżjoni tat-Tribunal. Dan ukoll huwa żball ta' l-istess natura; ta' loġika u ta' argumentazzjoni; żball fl-arti tar-rettorika kif kienu jsejħulha l-klassiċi - imma mhux fuq is-sustanza ta' xi norma ġuridika;

F'dawn l-allegati żbalji kollha tat-Tribunal, m'hemm xejn li jmur kontra xi wieħed mill-prinċipji fuq enunċjati li joffendu: (a) il-prinċipji fondamentali tal-ġustizzja, jew (b) l-eċċess tal-ġurisdizzjoni; jew (ċ) l-inosservanza tad-divjet li jistipula l-artikolu 32 (4) tal-Kap. 266;

It-Tribunal ma wasalx għall-konklużjonijiet tiegħu fuq fatt wieħed biss iżda, jidher mill-atti, speċjalment mill-provi kopjużi kemm orali kif ukoll miktuba, li t-Tribunal ivvaluta t-totalità tar-raġunijiet mogħtija mill-attur. Fejn kien hemm ammissjoni t-Tribunal ivvaluta ukoll ir-raġuni ta' l-ammissjoni. Inoltre, dak li qed jissottmetti l-attur illum kien diġà ġie sostanzjalment sottomess quddiem it-Tribunal meta l-attur għamel nota ta' osservazzjonijiet tiegħu u dana qabel ma t-

Tribunal wasal għad-deċiżjoni tiegħu;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad it-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

---